MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 873/2008

**Go p.l.c.**

**vs**

**Health Managers (Malta) Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi li gie pprezentat fl- 4 ta' Novembru 2008 fejn tablet sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' Euro1,057.77c, rapprezentanti ammont li kien ghadu dovut in konnessjoni ma' servizzi ta' telekommunikazzjoni li jgibu n-numru 21334367/696 u 80073277 account number rispettiv 40068370 u 40054078, b'dan kif jirrizulta minn diversi kontijiet diga' mibghuta u kif ukoll kif jirrizulta mill-anness prospett immarkat Dok IZY 1 u minn service agreement immarkat Dok IZY 2.

Bl-ispejjez u bl-imghaxxijiet legali kontra s-socjeta konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra illi s-socjeta konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Ingrid Zammit Young illi bil-gurament taghha ikkonfermat li l-ammont mitlub mis-socjeta attrici kien ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Peress illi baqa' ma sar ebda pagament.

Ra wkoll illi s-socjeta konvenuta ghalkemm imsejjah diversi drabi baqghet ma dehritx u ghalhekk wisq anqas ipprezenta xi kontestazzjoni ghat-talbiet attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma mitluba ta' Euro1057.77c, bl-imghaxxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu ta' l-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------